**Taqsira Eżekuttiva**

**Fejn ngħixu...**

It-tema ta' din is-sena tal-European Meeting of People Experiencing Poverty taħt il-Presidenza Ċeka kienet 'Aħna fejn ngħixu, Aħna x'għandna bżonn' fejn trattaw it-temi ta' djar, servizz bażiċi u inklużjoni finanzjarja.

Fid-diskors tal-ftugħ, is-Sur Marian Hosek, id-Deputat Ministru tal-Politika Soċjali, Servizzi Soċjali u Politika tal-Familja tar-Repubblika Ċeka saħaq li ħafna nies huma affetwati mill-esklużjoni finanzjarja, u li l-akbar vittmi ta' djun jinsabu fost gruppi l-aktar vulnerabbli. Id-Deputat jaħseb li soluzzjoni għal din hija edukazzjoni finanzjarja fl-iskejjel. Is-Sur Hosek semma' wkoll l-aċċess għad-djar u għajnuna għall-kera. Din ta' l-aħħar tiġi provduta mis-servizzi soċjali bħala parti mis-servizzi soċjali li għandhom ikunu garantiti fil-proviżjoni kollha ta' kwalita' li tgħin n-nies ifendu għal rashom.

Fid-diskors tagħha, s-Sinjorina Eva Szarvak, delegata għas-seba' laqgħa (7th Meeting), stqarret li l-kriżi finanzjarja qed taffetwa lill-membri stati kollha, u qed iżżid in-numru ta' familji li jgħixu fil-faqar minħabba telf ta' impjiegi, djar u dħul finazjarju. Is-Sinjorina Szarvak emfasiżżat ukoll l-importanza tal-Laqgħat Ewropej bħala 'l-unika forum fejn il-problemi u l-esperjenzi ta' dawk li jgħixu fil-faqar jiġu mismugħa u mifhuma'. Hi saħqet fuq l-importanza li jkun hemm sforzi maqgħuda kontra l-poverta'.

**Għandna bżonn... Ewropa Soċjali Maqgħuda**

Id-delegati għat-Tmien Laqgħa kienu ċari li riedu aktar l-Ewropa, sakemm din tkun aktar Ewropa Soċjali, viċin iċ-ċittadini, li tuża' djalogu biex tiżviluppa għan ġdid għas-soċjeta'. Huma jridu azzjoni mill-Unjoni Ewropea li ssegwi r-rakkommandazzjonijiet mill-Laqgħat Ewropej sabiex ikunu aktar viżibbli. Huma saħqu wkoll li kien difficli biex jaraw li l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużżjoni soċjali tibqa' prijorita' għall-Unjoni Ewropea. Huma qalu li f'ħafna każijiet l-impatt u l-għaġir lejn il-kriżi ekonomika poġġew pressjoni insopportabbli fuq in-nies li diġa' kienu qed ibatu mill-piż tal-faqar u l-esklużżjoni soċjali.

**Djar**

Delegati appellaw lil Unjoni Ewropea sabiex tkun aktar attiva u tassigura li kulħadd ikollu aċċess diċenti u affordabbli għal dar. Huma laqgħu d-deċiżjoni tal-Kunsill EPSCO li jpoġġu bħala tema ċentrali lil dawk in-nies bla dar jew f'esklużjoni ta' dar, għal-Protezzjoni Soċjali u Inklużjoni Soċjali 2009, (Social Protection and Social Inclusion 2009). Huma ttamaw li din tiġġenera ċaqlieq fost l-istati membri biex jaħdmu fuq il-problema ta' nuqqas ta' djar u nuqqas ta' aċċess għal-djar affordabbli li żżid il-problema ta' nies bla dar. Dan għandu jiġi b'support urġenti u konkret għal dawk bla dar, kif ukoll miżuri kontra kundizzjonijiet foqra fid-djar għal dawk bi dħul finanzjarju baxx. Huma ttamaw li din l-attenzjoni fuq din it-tema iwassal għal proposti politiċi u azzjonijiet sabiex jindirizzaw din ir-realta'.

Id-delegati 'ma jistgħux jistennew aktar' f'din li diġa hi meqjusa emerġenza. Huma pproponew azzjonijiet immedjati biex jindirizzaw il-bżonnijiet urġenti fil-qasam tad-djar, bħat-teħid ta' postijiet vojta jew teżiġi li sidien jikru postijiet vojta. Huma saħqu l-iskandlu ta' djar vojta f'muniċipalitajiet jew vilaġġi li qed iwasslu għall-irħula fantażmi. B'riżultat ta' dan, servizzi bażiċi qed jitwaqfu u nies qed ikunu sfurzati jemigraw lejn żoni urbani akbar, bir-riżultat ta' aktar pressjoni fuq is-servizzi limitati ta' dawn iż-żoni.

Id-delegati saħqu wkoll li l-aċċess għal djar deċenti huwa ta' diffikulta' kbira għall-imigranti u għall-komunitajiet ta' Roma u li huma jinsabu wkoll ixxukjati bil-kontinwazzjoni ta' prattiċi f'ħafna pajjiżi fejn qed ikeċċu lil dawn mill-komunitajiet anke minn kundizzjonijiet ħżiena li għandhom bħalissa mingħajr ma jipprovdu alternattivi viabbli, u jiddiskriminaw kontrihom billi jisfurzawhom joqgħodu flimkien f'żoni segregati b'servizzi minimi.

L-Unjoni Ewropea għandha taġixxi għal din ir-realta' u tassigura li d-drittijiet fundamentali huma rrispettati minn kulħadd fl-Unjoni Ewropea. L-Unjoni Ewropea għandha tassigura li l-azzjonjiet tagħha jgħinu stati membri sabiex jespandu l-ammont ta' djar soċjali u jipprovdu fondi strutturali għal dan il-għan.

**Servizzi Bażiċi**

Fir-rigward ta' servizzi bażiċi d-delegati saqsew jekk l-aċċess għall-enerġija huwiex rikonoxxut bħala dritt fundamentali. L-enerġija hija dritt bażiku li jeħtieġ risposta pubblika u mhux waħda privata. B'dan il-mod biss jistgħu jiġu assigurati servizzi bażiċi għal kulħadd. Id-delegati laqgħu r-rikonoxximent tal-poverta' fl-enerġija fil-pakkett ġdid ta' l-Unjoni Ewropea, u l-bżonn li jiġi stabbilit pjan ta' azzjoni nazzjonali li jindirizza din il-problema. Huma jridu jkunu jafu kif dan ser jitwettaq sabiex jassiguraw li jittieħdu miżuri effettivi biex jindirizzaw prezzijiet għolja ta' l-enerġija, dħul finanzjarju baxx u effiċjenza fl-enerġija u kif għaqdiet mhux governattivi u nies fil-faqar ikunu involuti fil-proċess ta' moniteraġġ.

Bl-istess mod huma kkonfermaw li l-ilma għandu jibqa' oġġett għall-pubbliku. Id-delegati jridu jgħixu f'ambjent sostenibbli u jipproponu li enerġija alternattiva tkun ikkunsidrata bħala settur li jikrea impjiegi. Il-produzzjoni ta' l-enerġija alternattiva għandha tkun parti mill-komunitajiet lokali u tipprovdi opportunitajiet ta' impjiegi għal nies li jgħixu f'dawn il-komunitajiet kif ukoll taħriġ għal dawk in-nies li ilhom qgħeda għal żmien twil. Ir-reċiklaġġ ta' l-iskart hija qasam ta' opportunitajiet ta' impjiegi li jista' jkun żviluppat fil-komunitajiet lokali u inizjattivi ekonomiċi soċjali.

Trasport pubbliku effiċjenti u affordabbli, servizzi soċjali fil-lokal u fil-madwar (bħal eżempju faċilitajiet ta' ċentri ta' matul il-jum għat-tfal u ċentri tas-saħħa żgħar), aċċess għall-informazzjoni dwar drittijiet, servizzi soċjali li jisimgħu l-opinjoni ta' min qed jagħmel użu minnhom, huma lkoll parti kif tassigura li servizzi bażiċi jilħqu l-bżonnijiet tan-nies. Il-problema partikolari tat-tneħħija ta' servizzi minn żoni rurali kienet imsemmija.

Id-delegati sejħu għal evalwazzjoni fuq livell Ewropew ta' l-impatt tal-liberaliżżazjoni u privatiżżazjoni ta' servizzi ta' interess pubbliku inkluż servizzi soċjali, fuq il-kwalita', aċċessibilita' u affordabilita' ta' servizzi. Id-dokument dwar il-

konsumatur fuq id-drittijiet ta' l-enerġija huwa kruċjali, pero iridu jittieħdu miżuri biex jiġi assigurat li l-membri stati jirreklamawh b'mod sħiħ fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali, u li jimxu sabiex jistabilixxu qafas obbligatorju ta' l-Unjoni Ewropea għal servizzi ta' interess ġenerali. Dan huwa vitali sabiex drittijiet essenzjali jkunu assigurati bħala bilanċ għal-libertaijiet tas-suq.

**Inklużjoni Finanzjarja**

L-inklużjoni finanzjarja kienet ta' tħassib komuni fost id-delegati. Wisq familji u individwi qed jispiċċaw fi djun kbar. Nuqqas ta' aċċess għall-kontijiet bankarji kif ukoll kreditu uffiċċjali b'interess baxx jagħmel din is-sitwazzjoni għar u jwassal nies f'idejn dawk in-nies li jsellfu flus b'mod mhux uffiċċjali li ħafna drabi jesiġu interessi eżaġerati. Sabiex tiġi indirizzata din ir-realta' d-dritt għall-kont bankarju għandu jkun magħmul possibli għal kulħadd, skemi etiċi tat-tfaddil (credit unions) u micro-credit jistgħu jkunu r-risposta għal dan kif ukoll edukazzjoni finanzjarja.

Id-delegati eżiġew sabiex jiġu magħrufa l-kawżi tad-djun kbar, li normalment huma dħul finanzjarju mhux suffiċjenti biex ikopru l-ispejjez għal xiri ta' oġġetti u servizzi. Is-soluzzjoni għandha tkun f'assigurazzjoni fi skemi aċċessibli ta' dħul minimu u adekwat mill-membri stati, dħul minimu diċenti li jipprovdi għixien dinjituż u mhux kemm wieħed jeżisti. F'dan ir-rigward kien hemm domanda qawwija sabiex UE timxi fuq l-impennji li ġew maqbula waqt ir-rakkommandazzjonijiet fuq l-inklużjoni attiva (Recommendations on Active Inclusion), inkluż l-impenn rigward skemi ta' dħul minimu u adegwat. Il-konsultazzjoni kurrenti fuq l-inklużjoni finanzjarja kienet milqugħa, u d-delegati emfasiżżaw li UE għandha tirrikonoxxi s-servizzi finanzjarji bħala dawk pubbliċi u servizzi ta' interess ġenerali. Għandha wkoll tassigura d-dritt għall-kont bankarju affordabbli u kredtiu b'interess baxx, bis-saħħa ta' qafas komuni u legali ewropew.

**Parteċipazzjoni**

Apparti dawn it-talbiet id-delegati qasmu informazzjoni rigward żviluppi f'pajjiżhom b'konnessjoni ma' suġġetti diskussi. Id-delegati jridu jkunu parteċipanti fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni tal-politika kontra l-faqar. Il-proposta tagħhom hija sabiex jitnaqqas id-distakk bejn il-politika soċjali u dik ekonomika u sabiex jiġi mkejjel l-impatt tal-politika kollha fuq l-aċċess għal drittijiet soċjali.

Is-sena Ewropea kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali 2010 (2010 European Year for Combatting Poverty and Social Exclusion) għandha tkun sena b'saħħitha fejn nies li jesperjenzaw faqar jiġu mismugħa u li l-opinjonijiet tagħhom jittieħdu serjament. Progress reali għandu jiġi magħmul sabiex 'min jitwieled fqir ma tkunx sentenza għall-għomru'.

**Natwaw is-Soluzzjonijiet**

Is-Sur Spidla, Kummisarju Ewropew għall-impjiegi, affarijiet soċjali u opportunitajiet indaqs, ma ra l-ebda għażla apparti li jitkompla avvanz lejn Ewropa b'aktar ugwaljanza. Issa huwa ż-żmien fejn dawk il-gruppi l-aktar vulnerabbli jiġu mgħejjuna. L-ispiża għall-protezzjoni soċjali ser togħla ħafna fix-xhur li ġejjin. Imma mhuwiex daqshekk faċli tiġġudika l-ispiża umana ta' din il-kriżi.

Hu qal li għandna nagħmlu kull sforz sabiex inħeġġu lil kulħadd jipparteċipa fis-soċjeta'.

Benefiċċji minimi ta' dħul huma importanti pero mhux biżżejjed. Aċċess għal-djar jibqa' diffiċli. Ma hemmx aċċess għal servizzi bankarji bażiċi.

Għalhekk il-mira għandha tkun fuq djar, taħriġ u inklużjoni finanzjarja.

Is-Sur Spidla argumenta li azzjoni fuq il-faqar u tnaqqis ta' differenzi bejn il-membri stati għandhom jimxu id f'id. Sittax fil-mija ta' l-Ewropej, pero aktar minn erbgħin fil-mija fil-Polonja, Latvja u l-Litwanja jgħixu f'kundizzjonijiet diffiċli. Huwa argumenta wkoll li politika kontra l-faqar għandha tkun eżistenti fil-politika kollha.

Is-Sinjorina Weinandy, tal-Kumitat għall-Protezzjoni Soċjali, irreferiet għal dak li s-Sur Vignon, Direttur tal-Kummisjoni, kien qal li d-dimensjoni soċjali ma tistgħax tiġi mwassla bil-politika soċjali waħedha. Allura l-impatt soċjali fuq il-politika għandu jiġi assesjat. B'referenza għad-diżappunt ta' xi wħud mid-delegati għal dak li jidher bħala nuqqas ta' progress, is-Sinjorina Weinandy qalet li wara is-seba' laqgħa l-Kumitat għall-Protezzjoni Soċjali poġġa d-djar bħala t-tema għall-2009, u sejjaħ lill-istati membri biex f'Ġunju ta' l-2009 jirrapportaw fuq dan ir-rigward.

Fuq il-garanzija ta' dħul minimu għal kulħadd fl-istati kollha l-Kunsill ta' Diċembru 2008 addotta l-prinċipji ta' inklużjoni attiva li inkludew il-bżonn li jiġi provdut dħul minimu xieraq għal dinjita' umana.

'Progress qed isir għalkemm bil-mod, għalkemm sforzi reali qed isiru biex jitwetqu r-rakkommandazzjonijiet minn dawn il-laqgħat imma l-problema hi l-fqar ma jistgħux jistennew', qalet is-sinjorina Weinandy.

Ludo Horemans, President ta' l-EAPN għamel preżentazzjoni fuq ir-rakkommandazzjonjiet mis-seba' laqgħa Ewropea ġew imwettqa. B'mod partikolari hu tkellem fuq il-prinċipji u r-rakkommandazzjonijiet adottati fuq l-inklużjoni attiva li jinkludi r-rakkommandazzjoni fuq il-bżonn ta' skemi ta' dħul minimu għal nies sabiex ikunu jistgħu jgħixu b'dinjita'. Huwa tkellem ukoll fuq ix-xogħol tal-Parlament Ewropew rigward servizzi u rakkomandazzjonjiet għal direttiva fuq servizzi ta' interess ġenerali (Directive on Services of General Interests). Huwa semma' wkoll li t-tema tas-Social OMC 2009 hija fuq dawk in-nies li jinsabu bla dar u fuq l-esklużżjoni ta' djar li kienet rakkommandata waqt is-seba' laqgħa. Huwa qal ukoll kif laqgħat Ewropej servew sabiex jinvolvu mijiet ta' nies li jinsabu fil-faqar f'laqgħat nazzjonali simili. Minkejja li saru żviluppi pożittivi fuq livell Ewropew huwa ġibed l-attenzjoni fuq il-fatt li s'issa ma wassalx għall-impatt suffiċjenti sabiex jagħmel bidliet pożittivi reali fir-realta' tal-faqar u l-inugwaljanzi fil-membri stati ta' l-Unjoni Ewropea.

Is-Sur Czeslaw Walek, Deputat Ministru għad-Drittijiet Umani u Minoritajiet Nazzjonali tar-Repubblika Ċeka wiegħed li jirrapporta l-konklużjonjiet tal-laqgħa fl-Isvezja f'Ottubru ta' l-2009. Huwa kkonferma wkoll li l-Presidenza Ċeka ser tkun qed tippromwovi l-parteċipazzjoni ta' nies li jesperjenzaw il-faqar fil-ġlieda kontra l-faqar.

Filwaqt li d-delegati jirrikonoxxu li l-isforzi sabiex jitwettqu r-rakkomandazzjonijiet minn dawn il-laqgħat xorta jinħass il-bżonn għal sistemi iktar ċari fuq kif ir-riżulatati bejn laqgħa u oħra jiġi rrappurtat.